Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-27 ta' Frar 2025**

**Kump. Nru. 42/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Versus**

**Mohamed Ali Lahderi**
**(0111233A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mohamed Ali Lahderi**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0111233A.

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Jannar 2020 ghal habta tal-hdax u ghaxra ta' filghaxija (23:10hrs) u l-hinijiet ta' qabel gewwa Triq Santa Margerita, San Gwann:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Moatz Ali Al-Harbi Anwasri f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta' natura hafifa;

2. Talli ha sehem jew involva ruhu f'reat liema reat sar minn tlieta minn nies jew izjed migmughin flimkien bil-hsieb li jaghmlu reat, fejn tnejn minnhom kienu fil-pussess jew kellhom fuqhom armi regolari;

3. Hebb kontra l-persuna ta' Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom l-hsara;

4. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil Mohamed Abdul Moutaleb Dreria, b'gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalih;

5. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., fid-digriet moghti nhar is-26 ta' Lulju 2017 u digrieti sussegwenti, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D, fid-digriet moghti nhar id-19 ta' Settembru 2019 u digrieti sussegwenti, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Mohamed Ali Lahderi u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Mohamed Ali Lahderi, u dan ai termini tal-Artikolu 579 (3) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex id-depozitu ta' tlett elef Ewro (€3,000) u hamest elef Ewro (€5,000) rispettivament u s-somma ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000) bhala garanzija personali u s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) bhala garanzija ta' terzi jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta'protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittmi Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 30 ta' Jannar 2020 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-Prosekuzzjoni fit-2 ta' Jannar 2023, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mohamed Ali Lahderi datata 27 t'Ottubru 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-13 ta' Frar 2020, xehed Moatz Ali Al Harbi Answari[1], fejn qal illi f'xi gurnata matul ix-xahar ta' Frar 2020 hu kien mar biex jahsel il-karozza l-car wash f'xis-6.00pm, u kien hemm Mohamed Lahderi, li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Kien hemm argument bejn Mohamed Ladheri u hutu, Suhaib Lahderi u Abdo Lahderi u hu telaq ghax bdew jghajjruh. Filghaxija bejn il-11.00pm u l-11.30pm, kien il-gnien f'San Gwann flimkien ma' siehbu Mohamed Dreria li kien barra l-awla, ghax fil-gnien hemm il-wifi, u Abdo u Suhaib wegghulu saqajh u rasu b'sikkina. Hu pprova jahrab fil-karozza ma' siehbu Mohamed u waqfu hdejn il-Lidl ghax ma setghux jibqghu jsuqu ghax kienu sturduti, sakemm gew il-Pulizija u ghinuhom u gabulu l-ambulanza ghall-isptar fejn zammewh l-isptar sa filghodu. Ix-xhud kompla jghid li ghamlulu l-punti u kellu jimxi bil-krozzi u tawh *antibiotics*, *painkillers* u ghamlulu d-*drip*, fil-fatt tawh certifikat mill-isptar li x-xhud ikkonferma li kien dak *a fol.* 18. Mohamed Lahderi wegghu f'rasu waqt illi hutu wegghuh bis-sikkina u Mohamed Lahderi tah daqqa bil-bokkla tac-cinturin.

Illi xehed Mohamed Abdul Moutaleb Dreria[2] fejn qal illi xi gimghatejn qabel kien ma' siehbu Moatz Ali Al Harbu Answari fil-gnien ghal habta ta' 12.00am u gew Abdo Lahderi u Suhaib Lahderi li huma l-ahwa ta' l-imputat. Abdo Lahderi tah erba' daqqiet bis-sikkina imma kellu gakketta hoxna. L-imputat, Mohamed Lahderi beda jiggieled ma' Moatz u kien hemm l-ghajjat u Abdo Lahderi beda jkissirlu l-karozza u fil-fatt faqghulu zewg roti u kissrulu l-mera. Ix-xhud kompla jghid illi hu rnexxielu jahrab bil-karozza ma' Moatz li kien mimli demm, izda waqqfu xi 500 metru 'l boghod u gew il-Pulizija u gabulhom l-ambulanza. L-isptar ghamlulu xi sitt punti f'saqajh u dam hemm sa filghodu, ikkonferma li c-certifikat *a fol.*

[1] Fol. 39 et seq tal-atti proċesswali
[2] Fol. 54 et seq tal-atti proċesswali

*17* kien ic-certifikat tiegħu tal-isptar tat-28 ta' Jannar 2020. Hu ra lil Mohammed Lahderi jiġġieled ma' Moatz imma ma setax jara fid-dlam iżda wara rah bid-demm. Fil-kontro eżami x-xhud qal illi l-karozza tiegħu kienet Golf, u mistoqsi jekk jittraffikax d-droga hu wieġeb li le u ma jafx għalfejn kien hemm dan l-inċident, u għalfejn Lahderi u ħutu kienu marru biex jiġġieldu ma' Moatz u mhux miegħu.

Illi fit-12 ta' Marzu 2020 xehed PC850 Stephen Micallef[3], fejn qal illi fis-27 ta' Jannar 2020, ġew infurmati li kien hemm ġlieda bejn sitt persuni ġewwa Triq Santa Margerita, San Ġwann, iżda meta waslu ma sabu lil ħadd. Għamlu ronda fil-viċinanzi u ġewwa Triq il-Kapella quddiem il-klabb tal-boċċi, tal-RIU sabu żewġ persuni. Meta mar fuq il-post sabu lil Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria, li kellhom ġrieħi f'saqajhom u Moatz kellu daqqa f'rasu. Sejħu l-ambulanza u qalulu li kienu fil-ġnien ta' Santa Margerita u kien hemm ġlieda ma' tlett min-nies li kienu ħarbu u hu ma kienx jafhom. Dawn iż-żewġ persuni qalulu li saqu ftit bil-karozza Golf li kellha ħsara, għax kienu faqqawlhom it-tyres u waqfu ħdejn il-klabb tal-boċċi. Ittieħdu l-isptar u ġew iċċertifikati li kienu qegħdin isofru minn ġrieħi ħfief. Wara dawn iż-żewġ persuni qalulu li kienu jafuhom lill-persuni li aggredewhom u wieħed minnhom, Mohamed Ali Ladheri, li għaraf fl-awla, kien jiffirma l-għassa ta' San Ġiljan u kien ma' tnejn minn ħutu. Ix-xhud mar ifittxu fir-residenza tiegħu, iżda ma sabux u meta mar jiffirma kien ġie arrestat. Saret tfittxija fir-residenza ta' l-imputat f'San Ġwann, iżda ħutu ma nstabux, u ma sabux skieken relatati mal-inċident, u wara l-imputat ittieħed il-lock up. Hu ħejja r-rapport li kien a *fol.* 12 *et seq* tal-proċess li jinkludi l-updates.

Illi fid-9 ta' Lulju 2020, xehed PS 826 Matthew Parnis[4] fejn qal li fis-27 ta' Jannar 2020, kien ġie infurmat mill-Ispettur Joseph Xerri biex flimkien ma' PS385 Emanuel Dalli jagħmlu xogħol għal-Pulizija fuq ix-xena tar-reat, fejn ħadu tlettax-il ritratt u eleva xi affarijiet, fosthom kampjun ta' demm li kien hemm fit-triq u affarijiet li nstabu fosthom ċavetta u bokkla. Hu kien għaddihom lill-Pulizija tad-distrett. Ipprezenta rapport kongunt tiegħu u ta' PS385 immarkat bħala Dok MP1[5], li kien jikkonsisti fi tlettax-il ritratt u kampjun tad-dmija.

[3] Fol. 70 tal-atti proċesswali
[4] Fol. 87 tal-atti proċesswali
[5] Fol. 75 et seq tal-atti proċesswali

Illi xehdet Dr Diksha Amarnani[6] fejn qalet illi fit-28 ta' Jannar 2020, f'xi 1.30am kitbet ir-rapport ta' Mohammed Abdul Moutaleb, li jinsab *a fol.* 17 li kellu griehi hfief. Ghamlulu xi x-rays u ma kienx hemm ksur, kellu griehi fuq il-koxxa l-leminija ta' xi 4 centimetri fejn kellu bzonn il-punti u kien hemm ukoll xi griehi superficjali fuq l-irkoppa u fin-naha tax-xellug tal-istonku ta' xi centimetru. Peress li ma kienx hemm griehi fil-wicc u ma kienx hemm ksur, il-griehi kienu hfief. Ic-certifikat *a fol.* 18 kien ta' Moatz, fejn kien hemm griehi superficjali fir-ras ta' xi 2.5 centimetru u ohra fin-naha ta' gewwa tal-koxxa, li kellha bzonn il-punti u tnejn ohra fuq in-naha ta' wara tal-koxxa tal-lemin. Il-griehi kienu hfief ghajr kumplikazzjoni, u hi kienet nadfet il-griehi, fil-fatt dejjem hekk jsir u ma kienx hemm *debris*. Fuq mistoqsija jekk Moatz kienx spjegalha kif garrab il-griehi, ghall-ewwel ma ftakritx, izda kif indunat li kien kaz ta' *stabbing* ta' zewg vittmi, ftakret illi wiehed minnhom kien fih ragel u li kienu qalulha li kienu qalghu daqqa ta' sikkina, izda ma tawhiex deskrizzjoni tas-sikkina. Ftakret illi l-griehi kienu friski u l-vittmi kienu fl-istess kamra f'xi s-1.30am u ma kienux agitati. B'referenza ghal Mohamed Abdul Dreria, ix-xhud qalet illi hu kellu aktar griehi, u kellu hafna demm, fil-fatt it-tabib ta' fuqha kien ha hsiebu. Kellu bzonn il-punti fil-koxxa. Il-pazjenti ma kienux fil-periklu ta' mewt, u ma kellhomx bzonn CT Scan jew MRI. Il-griehi ta' Mohamed kienu kompattibli ma' griehi ta' sikkina jew xi haga li taqta'. Il-griehi tat-tnejn li huma ma kienux biss tal-gilda, peress li affetwaw ukoll il-muskolu u kellhom bzonn il-punti. Il-griehi kienu hfief ghax m'affettwawx l-arterji. Ix-xhud ikkonfermat illi l-griehi setghu kienu kompattibli ma' *self injuries*. Kienet kitbet iz-zewg certifikati hi stess.

Illi fit-30 ta' Lulju 2020 xehed PC385 Emanuel Dalli[7] li kkonferma r-rapport *a fol.* 75 li kien hejja bhala ex parte, b'mod kongunt ma' PC826.

Illi fis-6 ta' Mejju 2021 xehed l-iSpettur Joseph Xerri fejn qal illi fis-27 ta' Jannar 2020, kien duty officer l-ghassa ta' San Giljan, fejn l-ghassa giet infurmata li ghal habta ta' 11.10pm kien hemm glieda bejn sitt persuni ta' nazzjonalita' Gharbija fi Triq Margerita, San Gwann. Kif marru fuq il-post tal-RIU u l-Pulizija tad-distrett ma sabu lil hadd, izda kif fittxew fl-inhawi, sabu lil Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb go vettura, li kellhom griehi li setghu saru b'xi arma bil-ponta. Giet imsejha l-ambulanza u ttiehdu l-isptar, fejn gew immedikati minn Dr Diskha

[6] Fol. 89 et seq tal-atti proċesswali
[7] Fol. 107 tal-atti proċesswali

Amarnani fejn gew iccertifikati b'griehi hfief. Ghall-bidu ma kienux iddentifikaw l-aggressuri, izda wara li hargu mill-isptar u gew mitkellma mill-Pulizija spjegaw li l-aggressuri kienu Mohammed Ali Ladheri li kien jiffirma l-ghassa ta' San Giljan u kien gie arrestat, flimkien ma' zewg hutu Abdul Ladheri u Sohajb Ladheri li baqghu ma nstabux. Saret tfittixja fir-residenza ta' Mohamed Ali Ladheri li rrizulta fin-negattiv. Mohamed Ali Ladheri li gharaf fl-awla, kien irrilaxxa stqarrija fil-prezenza tal-Avukat tieghu Dr. Rene' Darmanin, wara li kien ikkonsulta mieghu. Hu kien cahad li kien jaf fejn kienu hutu u l-ghada gie mressaq il-Qorti. Il-vittmi gew murija ritratti ta' ghaxar persuni maskili fejn Moatz Ali Al-Harbi Anwasri kien gharaf lit-tlett ahwa, u kkonferma li kien l-imputat li kien tah id-daqqa f'rasu b'referenza ghal Dok AMG2, filwaqt illi Dreria gharaf tnejn minnhom u m'gharafx lill-imputat b'referenza ghal Dok AMG3. F'Dok AMG1 jidhru l-istess persuni b'isimhom li ma kinitx giet murija lill-vittmi. Ix-xhud ipprezenta Dok AMG4 li huma sett ta' tmien ritratti tal-griehi li soffrew il-vittmi, Dok AMG5 li huwa digriet tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke u Dok AMG6 huwa digriet tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras. Ix-xhud ikkonferma ukoll l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat minn fol. 19 sa 22 u r-rapport li jinsab minn fol. 12 sa 15.

Illi fil-15 ta' Lulju 2021 xehed l-iSpettur Leeroy Balzan li kkonferma li Dok AMG5 jirreferi ghall-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li nghata fid-19 ta' Settembru 2019 f'kaz illi kien ghadu ghaddej kontra Mohamed Ali Ladheri li gharaf fl-awla[8].

Illi xehed l-iSpettur Kevin Pulis li kkonferma li Dok AMG6 kienu kundizzjonijiet tal-heslien mill-arrest ta' Mohamed Ali Ladheri, li gharaf fl-awla li nghataw fis-26 ta' Lulju 2017 mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras u li kienu ghadhom in vigore[9].

**Ikkunsidrat**

Illi fit-13 ta' Ottubru 2022, id-Difiza, b'referenza ghas-sentenzi 'Pulizija vs Gilbert Galea' deciza fis-27 ta' Lulju 2020 u 'Carmel Saliba vs Malta' deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, datata 29 ta'

[8] Fol. 124a tal-atti proċesswali
[9] Fol. 124c tal-atti proċesswali

Novembru 2016, talbet lill-Qorti sabiex ix-xhieda ta' Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Dreria tat-13 ta' Frar 2020, jigu sfilzati stante li d-Difiza kienu ilhom diversi seduti jitolbu sabiex jitharku ghal kontro ezami, izda l-Prosekuzzjoni ma sabithomx, minkejja li kienu tpoggew fuq is-sistema tal-Pulizija bhala *wanted*. Il-Qorti rrizervat illi tipprovdi dwar din it-talba fis-sentenza finali.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza 'Schatschaschwili vs Germany'[10] fejn gie ritenut is-segwenti:

'It is not for the Court to compile a list of specific measures which the domestic courts must have taken in order to have made all reasonable efforts to secure the attendance of a witness whom they finally considered to be unreachable (see *Tseber*, cited above, § 49). However, it is clear that they must have actively searched for the witness with the help of the domestic authorities, including the police (see *Salikhov*, cited above, §§ 116-17; *Prăjină v. Romania*, no. 5592/05, § 47, 7 January 2014; and *Lučić*, cited above, § 79) and must, as a rule, have resorted to international legal assistance where a witness resided abroad and such mechanisms were available (see *Gabrielyan*, § 83; *Fąfrowicz*, § 56; *Lučić*, § 80; and *Nikolitsas*, § 35, all cited above).

The need for all reasonable efforts on the part of the authorities to secure the witness's attendance at the trial further implies careful scrutiny by the domestic courts of the reasons given for the witness's inability to attend trial, having regard to the specific situation of each witness (see *Nechto*, § 127; *Damir Sibgatullin*, § 56; and *Yevgeniy Ivanov*, § 47, all cited above).'

Tenut kont ta' dak hawn fuq citat, gjaladarba meta xehdu l-imputati, id-difiza kellha kull opportunita' li taghmel il-kontro ezami, kif fil-fatt ghamlet b'mod estensiv, din il-Qorti ma thossx li kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-imputat.

Ghalkemm huwa minnu li d-Difiza rriservat il-kontro ezami ulterjuri, meta d-Difiza talbet sabiex jingiebu l-Qorti dawn ma nstabux. Il-Qorti rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni pprezentat provi, li kienet ghamlet minn kollox biex tipprova tintracca x-xhieda, u ghalhekk qed tichad it-talba sabiex ix-xhieda tal-*parte civile* li nstemghu nhar it-13 ta' Frar 2020 jigu sfilzati.

**Ikkunsidrat**

[10] Deċiza mill-European Court of Human Rights, Grand Chamber 15ta' Dicembru 2015 Applikazzjoni nru: 9154/10

Illi jirrizulta li kien hemm glieda bejn tlett persuni maz-zewg vittmi Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria fil-gnien gewwa San Gwann. Kif waslu l-Pulizija fuq il-post ma sabu lil hadd, izda fil-vicinanzi sabu liz-zewg vittmi feruti. Wara li ttiehdu l-isptar gie ccertifikat li l-vittmi sofrew griehi hfief. Il-vittmi qalu lill-Pulizija li l-imputat u hutu kienu hebbew ghalihom u tawhom daqqiet bis-sikkina. Illi Moatz Ali Al-Harbi Anwasri xehed illi kien l-imputat li ghamillu ferita f'rasu bil-blokka tac-cinturin. Mohamed Abdul Moutaleb Dreria qal illi kienu hut l-imputat li taw id-daqqiet bis-sikkina, u fil-fatt ma kienx gharaf lill-imputat meta gie muri r-ritratti ta' ghaxar persuni biex jiddentifika l-aggressuri.

Illi fix-xhieda taghhom Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria **naqqsu milli jikkonfermaw id-data u l-lok ta' fejn sehh l-allegat incident, kif ukoll kienu ferm vagi u kontradittorji fix-xhieda taghhom fuq id-dettalji ta' kif gara l-kaz u d-dinamika ta' l-incident.** Ix-xhud Mohamed Abdul Moutaleb Dreria naqas milli jiddentifika lill-imputat Mohamed Ali Lahderi, mir-ritratti li gew murija lilu mill-Pulizija. Illi inoltre z-zewg persuni l-ohra u cioe' hut l-imputat, li allegatament kienu prezenti fuq ix-xena ta' l-incident, li skont il-*parte civile* kienu dawn iz-zewg persuni li kienu l-aktar partecipi fil-glieda, ma gewx prodotti sabiex jikkonfermaw id-dinamika ta' l-allegat incident.

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta li **l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.**

## <u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi l-Qorti **qed issib lill-imputat Mohamed Ali Lahderi mhux hati** ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**